# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## IMHALLEF
## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2000**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 1170/89 JF**

**Myra Gauci Borda ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gauci Borda and Company Limited.**
**vs**
**Saviour u John Zarb, (u korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-11/12/89 kunjom inbidel f'Zammit), ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Zet Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta, fuq ordni tal-istess socjeta konvenuta, merkanzija konsistenti f'nylon washers;

U premess illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' disa' mija u disghin lira maltin u sittax-il centezmu (Lm990.16) liema ammont jirrapprezenta l-hlas dovut fuq il-merkanzija fuq imsemmija, kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok 'A'.

U premess illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata sew bonarjament kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali ta' Settembru, 1988, biex teffetwa dan il-hlas, baqghet inadempjenti.

Talbet li dina l-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attrici noe l-ammont ta' disa' mija u disghin lira maltin u sittax-il centezmu (Lm990.16) prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru, 1988 u nteressi legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti noe.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Saviour u John Zammit nomine fejn eccepixxa:

1 Illi in linea preliminari l-esponenti jeccepixxu illi huma gew citati hazin billi kunjomhom mhuwiex "Zarb" izda "Zammit", u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

2 Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub mill-attrici mhux dovut peress illi l-eccipjenti ftehmu mar-rapprezentant tad-ditta attrici illi l-prezz tan-"nylon wahers" kien jonqos sostanzjalment f'kaz ta' bejgh ta' kwantita kbira; skond liema ftehim il-konvenut xtara kwantita kbira u ghamel il-pagament relattiv ghas-saldu kif kien miftiehem.

3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-konvenuti nomine ghamlu ordni mas-socjeta' attici biex din timportalhom mill-esteru kunsenja ta' "washers" ghall-prezz miftiehem minn qabel. Waslet din il-merkanzija Malta u l-attrici nomine kkonsenjatha lill-konvenuti nomine li mhux biss ircevewha kollha imma hallsu zewg (2) somom akkont tal-prezz mitlub u baqghu jzommuha ghandhom. Il-bilanc ta' Lm990.16 dovut fuq il-prezz intier baqa' ma giex imhallas. L-attrici nomine harrket lill-konvenuti nomine, li min-naha taghhom eccepew fil-meritu li huma baqghu ma hallsux il-bilanc mitlub ghar-raguni li,

> *"l-eccipjenti ftehmu mar-rapprezentant tad-ditta attrici illi l-prezz tan-'nylon washers' kien jonqos sostanzjalment f'kaz ta' bejgh ta' kwantita kbira, skond liema ftehim il-konvenut xtara kwantita kbira u ghamel il-pagament relattiv ghas-saldu kif kien miftiehem"*(sottolinear tal-Qorti).

Illi fil-kors tal-gbir tal-provi, ma jirrizultax li l-eccezzjoni surreferita giet b'xi mod ippruvata. Di fatti, jidher li l-kontestazzjoni nqalghet ghar-raguni li l-konvenuti

nomine ippretendew li dawn il-"washers" kellhom ikunu ezenti mid-dazju u li kwindi l-prezz li ntalbu ghalihom kellu jkun orhos. Huma ppromettew ripetutament li jaghmlu prospett indikanti din id-differenza kwantu ghad-dazju effettivament imhallas lill-gvern u nkluz fil-prezz pero' ma waslux ghax baqghu inadempjenti. F'kull kaz, il-ftehim originali - wiehed verbali milhuq bejn George Mercieca ghas-socjeta' attrici u l-konvenut John Zammit - ma jidherx li kien isemmi u jikkomprendi ukoll ftehim ta' ezenzjoni kif illum pretiz - u mhux eccepit - mill-konvenuti nomine. Huwa minnu li bhala parti mill-provi taghhom il-konvenuti nomine pproducew rapprezentanti tad-Dwana in konferma tal-fatt illi dawn in-"nylon washers" setghu kienu dikjarati ezenti mill-hlas ta' dazju imma dan ma jbiddel xejn mill-fatt li ftehim car u esplicitu dwar dan bejn il-partijiet kontraenti qatt ezista tabilhaqq. - u lanqas biss m'hu rifless fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine. Mhux hekk biss imma x-xhud George Mercieca, imtella' mill-attrici nomine, mhux biss cahad li qatt kien ftiehem hekk imma li tali punt tqanqal ghall-ewwel darba mis-socjeta' konvenuta ferm wara ma huma kienu gew mitlubin jissaldaw dejnhom. Il-ftehim ghas-socjeta' konvenuta tmexxa minn John Zammit li lanqas xehed biex almenu jsostni dik il-parti tal-allegat ftehim dwar l-ezenzjoni ta' dazju - missieru Saviour Zammit xehed fuq dak li rrizultalu wara. Lanqas prospett ma gie pprezentat mill-konvenuti nomine ghalkemm dan pero', kif gja gie rilevat mill-Qorti, ftit li xejn ibiddel il-fatt li ftehim dwaru - jigifieri li d-dazju ma kellux ikun inkluz fil-prezz ghax il-merkanzija de quo kienet tgawdi minn ezenzjoni (li ma ntalbitx) - ma jirrizultax. Mill-bqija l-ammont bilancjali mitlub mill-attrici - kif ukoll jemergi mill-"istatement" dettaljat a fol 5/6 tal-process - jirrizulta pjenament ippruvat.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u ghall-ammont mitlub u ghalhekk tikkundanna lill-

konvenuti nomine li jhallsu l-ammont mitlub kif ukoll il-kap tal-ispejjez, u dan bl-interessi legali kif mitlub sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md